MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY
OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 051/00**

**Press Handout** **30/04/01**

# Xogħol għas-Sajf lil Studenti ta' l-Universita'

Il-Gvern, permezz tal-Bord għall-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti minbarra lil Dipartimenti u kumpanniji Parastatali, qed jistieden ukoll lil kumpaniji privati kif ukoll lil Organizazzjonijiet Mhux Governattivi biex joffru opportunitajiet ta' xogħol fis-sajf lil studenti universitarji.

Dawk l-organizazzjonijiet li jixtiequ joffru dawn l-opportunitajiet għandhom jidentifikaw proġetti ta' xogħol meħtieġ minnhom u li jista' jsiru minn dawn l-istudenti u jinforma lil Bord dwarhom.

Il-Bord iqis li dawn l-opportunitajiet, barra milli jagħtu esperjenza ta' xogħol lill-istudenti u opportunita' li jipprattikaw dak li qed jitgħallmu, għandhom ikunu wkoll ta' beneficċju għal min iħaddem għax igawdi minn ideat u metodi ta' xogħol ġodda li jġibu magħhom dawn l-istudenti filwaqt li jkunu qed jinvestu f'nies li 'l quddiem jistgħu jħaddmu huma stess.

Il-Bord hu lest li jiffaċilita l-proċess ta' l-applikazzjonijiet ta' l-istudenti għal dawn l-opportunitajiet u li jgħaddi dawn l-applikazzjonijiet lid-

IL-FURJANA, MALTA
TEL : 242759, 25982512, 25982513 FAX : 242759

Dipartimenti tal-Gvern, korpi Parastatali, Organizazzjonijiet Mhux Governattivi jew kumpanniji privati, biex huma jimxu bil-proċess ta' reklutaġġ tagħhom.

L-organizazzjonijiet li lesti joffru dawn l-opportunitajiet ta' xogħol iridu jkopru l-ħlas ta' dawn l-istudenti, inkluż is-sehem tagħhom tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Nazzjonali, liema ħlas għandu jkun ta' Lm1.65 fis-siegħa. In-numru ta' siegħat ta' xogħol u l-ħin kif dawn jitqassmu, ikun fid-diskrezzjoni ta' l-organizzazjoni.

Min iħaddem għandu jħallas direttament hu lill-istudenti u għandu jassigura li jipprovdi supervizjoni tajba fuq il-proġetti biex jassigura li l-istudenti jingħataw esperjenza vera u jkunu esposti għal ambjent ta' xogħol professjonali.

Min hu interessat f'din l-iskema għandu jirreġistra l-ħtiġijiet tiegħu fuq formola apposta, u jinidka in-numru ta' postijiet ta'xogħol li qed joffri u f'liema oqsma hu dan ix-xogħol. Il-formoli jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-SMG - Attn: Mr. Espedito Deguara Tel 25982538, Fax 245133 jew e-mail: spiridiona.consiglio@magnet.mt Il-formola għandha tintbgħat sa mhux aktar tard mit-23 ta' Mejju, liċ-Chairman tal-Bord, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Floriana.